# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 27 ta' Novembru 2016

L-I Hadd tal-Avvent

Sena A

**Introduzzjoni**

Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tal-Ewwel Ħadd tal-Avvent. L-Avvent hu żmien ta' stennija u tħejjija spiritwali għall-miġja ta' Ġesù fostna. Il-liturġija tal-lum tistedinna sabiex infittxu li niftħu qalbna għall-Kelma t'Alla u nerġgħu ningħaqdu miegħU sabiex ngħixu ħajja fis-sliem.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 2, 1-5)

Il-profeta Isaija jħabbar dak il-jum li fih għad jiġi l-Mulej sabiex jieħu lill-ġusti miegħu fis-Saltna ta' Dejjem.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**It-Tieni Qari** (Rum 13, 11-14a)

F'din l-ittra lir-Rumani, San Pawl jitkellem bi kliem ta' kuraġġ u jgħid li s-salvazzjoni tal-bnedmin tassew qiegħda fil-qrib.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 24, 37-44)

Ġesù jwissi lid-dixxipli tiegħu u jgħidilhom sabiex ikunu dejjem lesti għal dak il-mument li fih isir il-ħaqq mill-bnedmin kollha.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Bħala Nsara rridu dejjem naħdmu u nkunu lesti għall-miġja ta' Ġesù fostna, b'mod partikulari f'dan iż-żmien tal-Avvent. Ejjew għalhekk inressqu dawn l-offerti frott il-ħidmiet tagħna.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Alla jagħżel li jsir ħaġa waħda magħna kull darba li aħna jkollna r-rieda li nirċevuh fil-qalb tagħna bħala Ewkaristija li tgħajjixna.

Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.